**MALTI – IL-LINGWA**

**EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – KARTA MUDELL**

**IT-TIELET SENA** **siegħa u tliet kwarti**

---



**TAQSIMA A**

**TAĦRIĠ IL-FEHEM** (20 marka)

**Aqra sew din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek:**

**Ir-Ritwali tal-Passaġġ -It-Tqala**

Ritwal huwa dak kollu li jsir u jingħad fiċ-ċerimonji jew f'okkażjonijiet speċjali, li jirrifletti, d-drawwiet, tradizzjonijiet u twemmin.F'dawn il-kitbiet qed naraw xi ftit mir-ritwali li għandhom x'jaqsmu mal-'passaġġi' naturali tal-ħajja. Dawn il-passaġġi huma: it-Twelid, il-Puberta', iż-Żwieġ, u l-Mewt. Din id-darba nieħdu: it-Tqala – it-Twelid. *(par.1)*

Bħal f'kull okkażjoni importanti tal-ħajja, il-bniedem, l-aktar fl-imgħoddi, kien jemmen f'ħafna superstizzjonijiet. Fi żmienna, ix-xjenza u l-mediċina żviluppaw ħafna u bosta sitwazzjonijiet diffiċli issa nafu wisq aktar fuqhom, u bil-metodi u l-istrumenti moderni ħafna affarijiet li qabel kienu misterji issa ġew solvuti. Imma ta' qabilna, ukoll sa nofs is-seklu għoxrin, billi kien għad ma setgħux ikunu jafu sewwa xi jkun qed jiġri waqt it-tqala, kienu jaħsbu u jemmnu diversi superstizzjonijiet. Is-superstizzjonijiet huma dejjem twemmin fieragħ, għax għalihom ma jkunx hemm provi, imma biss deċiżjonijiet popolari f'moħħ il-bniedem. *(par.2)*

Kienu jibżgħu li jekk mara tqila tieħu qatgħa jew ħasda jista' jitħassrilha demmha. Kienu jemmnu wkoll li mara tqila ma tistax tħares lejn morda, mankamenti, mejtin jew funerali għax kienu jaħsbu li dak li jaraw l-għajnejn jista' jasal sat-tarbija li tkun qed tiżviluppa u tista' titwieled b'xi marda jew mankament. Ukoll kienu jaħsbu li jekk mara tqila xxomm xi ikel meta tkun għand xi ħadd ikollhom jagħtuha ftit minnu, għax it-tarbija tista' titwieled b'xi marki u sinjali fuqha li jkunu jixbhu dik il-ħaġa li ma tkunx kielet ommha. Marka bħal din hemm min isejħilha 'waħma', jew 'marka tax-xewqa'. *(par.3)*

Minbarra dawn is-superstizzjonijiet kien hemm oħrajn bil-ħsieb li jbassru t-tarbija x'kienet se tkun jekk hux tifel jew tifla. Fi żmienna strumenti speċjali jistgħu jgħidulna, imma sa ftit ilu ħadd ma kien jista' jkun jaf, għalhekk ivvintaw diversi għajdut u ritwali biex bħallikieku jbassru x'se tkun it-tarbija. Kull tbassir huwa dejjem diffiċli, ukoll jekk isir xjentifikament, aħseb u ara tbassir popolari. Kull tbassir dejjem jirriżulta jew tajjeb jew ħażin u, mingħajr ma trid, xi drabi t-tbassir iġġibu żewġ u drabi oħra ħażin. Dawk li jħobbu jbassru jsemmu biss kemm-il darba

ST. FRANCIS

qatgħuha tajjeb, imma ma jsemmu xejn fuq dak li jkunu bassru ħażin! Madanakollu issa spiċċa ż-żmien li nagħmlu u nemmnu affarijiet bħal dawn. *(par.4)*

Kienet issir il-prova taċ-ċurkett. Kien jintrabat ċurkett tad-deheb ma' spaga. Imbagħad jintmiss ma' żaqq l-omm li tkun qed tistenna tarbija. Wara jċaqalqu ċ-ċurkett u jħalluh idur waħdu. Jekk jibda jdur f'forma ta' ċirku t-tarbija tkun tifla, u jekk jibda jiċċaqlaq min-naħa għall-oħra tkun tifel. *(par.5)* ***(miktuba minn G.Lanfranco, Is-Sagħtar, April2010)***

1. X'irid jifhem l-awtur bil-kelma 'passaġġi'? (2 marki)
2. Għaliex dan iż-żmien naqqsu s-superstizzjonijiet? (2 marki)
3. Agħti fi kliemek id-definizzjoni ta' superstizzjoni. (2 marki)
4. Għaliex mara tqila ma setgħetx tħares lejn il-morda? (2 marki)
5. X'inhi 'waħma'? (2 marki)
6. Ikkwota sentenza mir-raba' paragrafu li turi li l-awtur ma tantx jemmen fit-tbassir. (2marki)
7. Kif kien isir it-tbassir fl-imgħoddi? (2 marki)



**<u>Agħti kelma jew frażi oħra flok:</u> (3x2=6marki)**
1. Twemmin fieragħ (par.2)
2. Jbassru (par.5)
3. Xjentifikament (par.5)

**TAQSIMA B**
**IL-GRAMMATIKA (20 marka)**

1.Mit-tieni paragrafu fittex:
a. Stat kostrutt
b. Plural sħiħ
c. Nom mimmat

2.***Qatgħa*** huwa nom verbali (Infinittiv, tal-Unita', Parteċipjali, Mimmat)

3.***Xxomm*** huwa verb (Xebbiehi, Kwadrilitteru, Trux)

4.Oħroġ nom minn:
a. Jaħsbu
b. Tqila
c. Jibżgħu
d. Jagħtuha

5. Agħti l-mamma u l-għerq ta':
a. Jagħtuha
b. Jsir
c. Tista'

ST. FRANCIS

6.Fittex għadd imtenni mit-tielet paragrafu.

7.Agħti l-plural miksur ta' **qatgħa**

8.Agħti l-plural sħiħ ta' **ħasda**

9.**Sejjaħ** huwa verb (Xebbiehi, Moħfi, Nieqes)

10.Fittex verb kwadrilitteru mill-aħħar paragrafu

**TAQSIMA Ċ**

**TAĦRIĠ TAL-GRAMMATIKA (5x3=15-il marka)**

**Aqleb fl-Istat Kostrutt:**

1. Il-ħarsa ta' Rużann
2. It-tifel ta' Mario
3. Id-dahar tas-siġġu
4. Il-mixja tal-Maltin
5. Il-lejla tal-festa

**X'tip ta' Nomi Mnisslin huma dawn: (Agħżel bejn: Denominattiv, Verbali, Kwalifikattiv)**

Kruha, mqass, tfulija, ġbejna, wirt.

**Agħti l-għerq ta' dawn il-verbi u ikteb x'tip ta' Verbi dgħajfin huma dawn:**

Naslu, jibnu, taru, mxew, sirtu

**TAQSIMA D**

**IR-RAPPORT (10 marki)**



Ikteb rapport ta' madwar tmenin kelma dwar aċċident li seħħ fi triq prinċipali bejn karozza u trakk tal-ġebel.

ST. FRANCIS

## TAQSIMA E

## IL-KOMPONIMENT (25 marka)

<u>**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb madwar 250 kelma**</u>



1. Tifkiriet ta' Tfuliti
2. Il-familja Maltija dari u llum
3. …u malajr spiċċajt l-isptar.
4. Ħabib kulħadd u ħabib ħadd. Iddiskuti.

ST. FRANCIS